**30 ta' April 1964.**

**Imhallef:**

**Onor. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Gio Maria Bartolo

*versus*

Emmanuela Bartolo

**Patria Potestà — Separazzjoni de facto — Minuri**

***Waqt l-istat ta' separazzjoni de facto, li mhiex rikonoxxuta mil-liġi, ir-raġel ma jistax bis-saħħa tal-patria potestà jitlob li martu tikkonsenjalu l-ulied komuni li jkunu sadanittant magħha biex huwa jkollu l-kustodija tagħhom waqt dik is-separazzjoni de facto.***

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li l-konvenuta telqet mid-dar konjugali u ħadet magħha lill-uliedha minuri u komuni tal-kontendenti li jisimhom: Evanġela, Carmela, Vittoria, Dolaores, Rita, Carmelo, Grazio, Spiro, Joseph u Nazareno, li huma soġġetti għal "patria potesta" tal-attur, talab li: premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u meħudin il-provvedimenti opportuni l-konvenuta għar-raġunijiet premessi tiġi kundannata minn dina l-Qorti tirritorna lill-attur l-imsemmija ulied minuri fid-dar u residenza tal-attur fejn huma iriduhom biex ikunu fil-kustodha tiegħu. Bl-ispejjeż.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur in-nota tax-xhieda tiegħu.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta fejn talbet li d-domanda ta' l-attur tiġi respinta billi hi telqet mid-dar konjugali flimkien ma uliedha minħabba fis-swat u moħqrija da parti ta' l-attur.

Rat d-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenuta.

Rat il-verbal tat-8 ta' April 1964, li bieh saret riferenza għall-provi fil-kawża fl-ismijiet inversi, Nru 10 fil-lista ta' dik is-seduta, li hija l-kawża fl-ismijiet Emmanuela Bartolo proprio et nomine vs. Gio Mara Bartolo (Citaz. Nru 311/63) deċsa illum stess.

Rat l-atti ta' dik il-kawża.

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża presenti

Semgħet lid-difensuri, Avukat Dr Joseph Fenech għall-attur u Avukat Dr. Victor Caruana Colombo għall-konvenuta.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi tal-kawża l-oħra li għalihom saret riferenza li l-attur u l-konvenuta qegħdin jgħixu f'istat ta' separazzjoni *"di facto"* u *li l-konvenuta kienet allontanat ruħha* mid-dar konjugali b'ġusta kawża (Kif infatti ġie deċiż bis-sentenza fil-kawża fuq imsemmija Nru. 7 fil-lista tal-lum) minħabba swat da parti tal-attur u l-biża li jerġa isawwata u ikorrija anki agħar milli ġia għamel meta ikkaġonalha *lesjoni li irrikjedit* żewġ punti f'xuftejha.

Illi l-attur ma interpellax lill-konvenut biex tmur lura miegħu imma *illimita ruħu biss għal din il-kawża* fejn qiegħed jitlob li l-konvenuta tikkonsenjalu l-għaxar tit-tfal minuri kollha tagħhom, għal kemm fix-xhieda tiegħu f'din il-kawża spiċċa biex *qal li* huwa *irid biss tnejn mill-bniet u wie*ħed mis-subien li huwa in aperta kontradizzjoni mac-citazzjoni. Qal ukoll li lanqas jaf kemm għandhom snin it-tfal għax iżjed *taf il-konvenuta* minnu.

Illi l-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati hija li waqt li stat ta' separazzjoni di fatto li mhiex rikonoxxuta mil-liġi, r-raġel ma jistax bis-saħħa tal-patria potesta jitlob li martu tikkonsenjalu l-ulied komuni li jkunu sadanittant magħha biex huwa ikollu l-kustodja tagħhom (kif talab l-attur fiċ-ċitazzjoni) waqt dik is-separazzjoni di fatto, għax il-provvediment mitlub dwar *lil min mill-ġenituri għandha tiġi afdata* il-kustodija tat-tfal minuri fl-interess dejjem tal-istess minuri (u mhux tal-ġenituri li jkun qiegħed jitlobha fl-interess uniku

tiegħu, kif stqarr fid-deposizzjoni tiegħu l-konvenut billi irid it-tfal sempliċement biex jagħmlulu il-faċendi u jaqduh, jippresupponi skond il-liġi jew id-domanda għas-separazzjoni jew l-effettwata separazzjoni tal-konjugi jew is-sentenza jew konsenswali, u il-patria potestà ma tistax tiġi użata fis-sens hawn invokat mill-attur. (Koll. Vol XXII, II, P. 186 u Gondrey vs Gondrey mhux pubblikata. P.A. 27.2.1928). Il-missier infatti jista jidher bil-patria potestà kontra t-terzi biex jirritornawlu lill-uliedu li jkunu magħhom, imma fir-relazzjoni tiegħu mal-konjugi l-ieħor, il-liġi tittratta l-kustodja tat-tfal biss fil-pendenza tal-kawża tas-separazzjoni (Art. 55 Kodiċi Ċivili) jew wara s-separazzjoni definittiva u legali (Art. 68, 69, 72, 73 ibid). Id-drittijiet tal-missier traċċati fl-artikoli 154, 155 u 156 tal-kodiċi jirregolaw sitwazzjonijiet differenti minn dik li tinqala meta l-omm, b'ġusta kawża jew mingħajr tàllontana ruħha mad-dar konjugali u tieħu lit-tfal minuri magħha. Għal dik is-sitwazzjoni hemm rimedju ieħor, kif intqal fis-sentenzi fuq imsemmija li l-Qorti taqbel magħhom.

Illi għalhekk ċ-ċitazzjoni bil-mod kif konċepita fil-kawżali u fl-oġġett tad-domanda ma tistax tiġi sostenuta.

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċiedi billi tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur.